IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 08-2020(30_01_2020)**

**30 ta' Jannar 2020**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Damien Spiteri - Sindku
Is-Sa Carmela Parnis - Viċi Sindku
Is-Sur Mark Busuttil - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Kimberly Spiteri - Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Damien Spiteri.

**08.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

08.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji għaliex kulħadd kien preżenti.

**08.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

08.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħa preċidenti numru 07-2019(10_12_19) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

### 08.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

08.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fl-aħħar laqgħa li attenda tar-Reġjun Għawdex issemma kif mis-sena 2020 parti mill-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill kellha tmur għal spejjeż addizzjonali marbuta ma' *tipping fees*. Hu semma li r-Reġjun kien ser jitlob laqgħa mal-Ministru kkonċernat biex jiddiskuti din il-materja.

Saret laqgħa ta' konsultazzjoni mal-ERA rigward il-possibbiltà ta' *relocation* tas-siġar tal-Pjazza bħala parti mill-Proġett tal-Pjazza.

Saret laqgħa ta' konsultazzjoni wkoll ma' Transport Malta fejn ġie diskuss ilment li tqajjem minn resident rigward il-livell tat-triq waqt il-laqgħa pubblika ta' konsultazzjoni li saret rigward il-Proġett tal-Pjazza, proposta ta' *traffic management* fil-Munxar, il-possibbiltà li l-Kunsill japplika għall-*priority parking* f'żoni fix-Xlendi u l-blokk tal-aċċess tal-*fairy way* li tieħdok mal-moll iż-żgħir fil-baħar tax-Xlendi.

Is-Sindku rċieva talba sabiex jingħata t-tarmak fi triq li għadha mhux asfaltata fix-Xlendi. Peress li dan il-każ kien diġà tqajjem qabel, il-Kunsill qabel li tintalab gwida mill-perit tal-Kunsill. Is-Sindku rċieva talbiet sabiex isiru toqob għall-festa fi Triq Tarsu, Triq Ta' Rinota u Triq Dun Alan Fenech. Kien hemm qbil sabiex dawn isiru. Irċieva talba oħra sabiex issir bozza ġo passaġġ fil-Pjazzetta ta' Triq San Pawl. Il-Kunsill ser jara fejn tista' titwaħħal.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li rċieva talbiet sabiex jimtlew xi toqob li kien hemm fit-triq fl-inħawi tal-Wied tax-Xlendi u fi Triq Ras il-Bajjada. Hemm bżonn li ssir tappiera fi Triq Ras il-Bajjada għal-lqigħ tal-ilma. Kien hemm qbil dwar dan.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien irċieva korrispondenza rigward 'Għid f'Għawdex'. Il-Kunsill iddiskuta x'attivitajiet jistgħu jittellgħu u x'tip ta' assistenza tista' tintalab lill-Ministeru għal Għawdex. Kien hemm qbil sabiex din il-materja tiġi diskussa mal-Parroċċa u possibbilment issir kollaborazzjoni ġaladarba t-talba tiġi milqugħa.

Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar korrispondenza li rċieva l-Kunsill rigward bini ta' 'Cat Café' fl-irħula. L-idea hija li l-Ministeru għal Għawdex jassisti Kunsilli Lokali sabiex jinbnew 'Cat Cafés' fil-lokalitajiet Għawdxin. Minn-naħa tagħhom il-Kunsilli Lokali jkunu responsabbli li jwaħħlu kameras tas-sigurtà, iżommu l-post nadif u jikkollaboraw mal-entitajiet governattivi u jassistu *feeders* fil-lokalità. Il-Kunsill iddiskuta numru ta' punti relatati ma' din il-korrispondenza u kien hemm qbil sabiex tinġabar aktar informazzjoni kif ukoll naraw x'jirriżulta mill-implimentazzjoni ta' dawn il-'Cat Cafès' f'żoni oħrajn madwar Għawdex.

Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir laqgħa uffiċjali mal-Ministru għal Għawdex il-ġdid, l-Onorevoli Clint Camilleri. Kien hemm qbil dwar dan.

Is-Sindku ddiskuta l-proposta ta' *traffic management* bħala parti mill-Proġett tal-Pjazza. Huwa ssuġġerixxa li Triq it-Tnax ta' Diċembru 1957 tibqa' *one way* u tiġi esplorata l-possibbiltà li l-karozzi minn Triq San Pawl jitilgħu lejn Triq Dun Alan Fenech sabiex il-parti tal-Pjazza li qiegħda *pedestrian* ma jgħaddux vetturi minnha. Din il-proposta ser tiġi diskussa aktar fid-dettall meta joqrob iż-żmien għall-implimentazzjoni tal-Proġett tal-Pjazza.

### 08.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

08.4.1 Is-Sur Joseph Cauchi ressaq ilment sabiex isir iż-żbir tal-Palm fi Triq l-Isqawi. Dwar dawn kienet digà saret talba lill-Ministeru għal Għawdex. Is-Sur Cauchi talab sabiex issir *sleeping police* fi Triq il-Kantra. Ġie maqbul li ssir konsultazzjoni mar-resident li ressaq dan l-ilment peress li din it-talba diġà kienet ġiet irrifjutata f'laqgħa preċedenti tal-Kunsill. Is-Sur Cauchi lmenta dwar *wire* imdendel quddiem il-*boathouses* u dwar il-passaġġ ta' ħdejn Ġnien Ragalna minħabba li huwa mimli ħass. Ser tittieħed azzjoni dwar dawn l-ilmenti.

08.4.2 Is-Sinjura Juliet Attard ilmentat dwar *wires* imdendlin fi Triq Ras il-Bajjada u dwar *pipe* ħiereġ minn taħt il-bankina, fejn kien hemm il-lukanda fi Triq Munxar, minħabba li persuna waqgħet u weġġgħat. Ser tittieħed azzjoni fuq dawn l-ilmenti.

Is-Sinjura Attard ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill minħabba l-veloċità eċċessiva li biha jgħaddu l-vetturi minn Triq it-Tnax ta' Diċembru 1957 u dwar id-dawl tal-Pjazzetta fi Triq it-Tnax ta' Diċembru 1957 minħabba li dan daqqa jixgħel u daqqa le.
Is-Sinjura Attard talbet sabiex isir qtugħ ta' ħaxix fi sqaqien speċjalment sqaq fi Triq Ħabel it-Twil fl-*area* ta' Ras il-Bajjada u talbet lill-Kunsill sabiex jerġa' jorganizza Ħarġa għal Malta u ħarġiet oħra. Is-Sindku ssuġġerixxa li din tiġi diskussa fil-laqgħa ta' Frar 2020 sabiex il-ħarġa tkun tista' ssir f'Marzu 2020 u għal żmien l-Għid il-Kbir u għaldaqstant għandu jitfassal programm aktar 'il quddiem.

08.4.3 Is-Sur Mark Busuttil ilmenta dwar id-dlam li hemm fix-Xlendi, iċ-ċint perikoluż fi Triq it-Torri fix-Xlendi, il-fatt li ma kienx hemm biżżejjed tiżjin tal-Milied fix-Xlendi, il-fatt li Ix-Xlendi jinsab maqlugħ minħabba x-xogħlijiet tal-*Masterplan* tax-Xlendi u ġrieden kbar li minn Triq iż-Żirżieb ħarġu għal *areas* oħra fix-Xlendi. Dwar is-sistema tad-dawl diġà nġibdet l-attenzjoni lill-Ministeru għal Għawdex għall-assistenza peress li l-fanali ġarrbu ħsarat kbar u jridu jinbidlu. Rigward iċ-ċint perikoluż, dan għadda wkoll lill-Ministeru għal Għawdex peress li hemm ħsarat fl-istruttura tat-triq. Rigward it-tiżjin tal-Milied, din is-sena kien hemm ħafna ħsarat u jrid jiġi kkunsidrat sabiex jinxtara tiżjin ġdid għas-snin li ġejjin. Dwar il-problema tal-ġrieden ser isir rapport lit-Taqsima tas-Sanità fil-Ministeru għal Għawdex u jintalbu jinfurmawna kull darba li jinżlu fuq il-post jittrattaw din il-problema.

08.4.4 Il-Viċi Sindku, is-Sa Carmela Parnis ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar tabelli li ma għadhomx jidhru ċari fosthom fl-*area* tas-Sanap fi Triq Żgħawri u fejn id-Dar Parrokkjali fi Triq it-Tnax ta' Diċembru 1957 fost oħrajn, id-dawl taz-zuntier tal-Knisja tal-Munxar li ħafna drabi ma jixgħelx, sabiex issir rampa fi Triq Damasku u possibbiltà li ssir *bus shelter* fil-Pjazza tal-Munxar. It-tabelli li hemm bżonn ser jitranġaw u ssir ir-rampa ta' Triq Damasku. Rigward il-*bus shelter* fil-Pjazza tal-Knisja ser tiġi diskussa mal-perit sabiex tinstab soluzzjoni.

## 08.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

08.5.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-ittra mingħand id-Direttur (Gvern Lokali, Monitoraġġ u Sapport) tal-ħatra tagħha ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali Il-Munxar sabiex tibda taġixxi bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv mis-27 ta' Jannar 2020 sat-18 ta' Mejju 2020.

08.5.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat mingħand id-Direttur Eco-Gozo Directorate fil-Ministeru għal Għawdex fejn ġejna infurmati li l-Kunsill ser jingħata fondi għall-proġett tax-*shelter* fil-Pjazza tal-Knisja. Dawn il-fondi jammontaw għal €2,718.72 (*excl. VAT*) u għandhom jintużaw għal: *manual cleaning of shelter from any debris/silt founding in passage way and staircases, supply on-site skip for carting away of excavated material* u *installation of lighting system in the shelter as per specifications*.
It-*tender* għal dawn ix-*shelters* diġà nħarġet aktar minn darba u għalhekk il-Kunsill kien ser jikkunsidra l-possibbiltà li tali xogħlijiet jinqasmu f'fażijiet. Kien hemm qbil dwar dan.

08.5.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li l-Kunsill bagħat l-applikazzjoni tiegħu għall-iskema 'Achivers' fejn applika għal fondi għall-attività 'Festa Tfal 2020'. Kien hemm qbil dwar dan.

## 08.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti

08.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 23/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Allokazzjoni Finanzjarja għal 2020' u r-rapport 'Financing Local Councils 2020' li fih it-'Total Allocation for Local Councils 2020'.

08.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 01/2020 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2019'.

08.6.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 02/2020 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Aċċess għad-Direttivi, Ċirkularijiet, Memos u Noti'.

08.6.4 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2020/002 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-*Earth Hour 2020*' fejn qed jitwassal korrispondenza mingħand l-*Environment Officer*, *Strategic Communications Unit*, *Office of the Permanent Secretary* fil-Ministeru għall-Ambjent, l-Iżvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima (MESDC). L-attività *Earth Hour 60+* ta' din is-sena ser tiġi organizzata fit-28 ta' Marzu 2020 fejn bħala ġest simboliku, l-avveniment jinkludi tifi ta' dwal bejn it-20:30 u d-21:30 ta' monumenti, bini amministrattiv u żoni pubbliċi oħra. Il-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jipparteċipa.

08.6.5 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Manager, National Contact Point for eHealth, Information Management Unit fil-Ministeru għas-Saħħa rigward 'Information about Cross-border eHealth service'. Huwa qed jinforma illi l-Ministeru implementa *e-Health Service* ġdid għall-Maltin li jsifru lejn pajjiżi fl-Unjoni Ewropea u spjega x'jinvolvi dan is-servizz. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex iwassal materjal li l-Ministeru pprepara lil dawk li jkunu ser isifru.

08.6.6 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-NGO Green House li hija *non-profit research organization* li tiġbor data u timplementa *holistic methods* sabiex tiġi protetta waħda mill-aktar speċi mhedda tal-flora u fawna Maltija. Il-proġett prinċipali huma ffukat fuq tliet speċi Maltin: *bats*, *bees* u *wild orchids*. Huma taw informazzjoni dwar inizjattiva fejn il-voluntarji tagħhom jagħmlu *street art* u jpittru forom ta' dawn it-tliet speċi akkumpanjati minn *eco-friendly/rasing awareness messages*. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jidentifika postijiet fejn dawn il-pitturi jistgħu jsiru.

08.6.7 Il-Kunsill irċieva invit flimkien mal-Aġenda mingħand il-Gozo Action Group Foundation (GAGF) għall-Annual General Meeting (AGM) għas-sena 2019, fis-27 ta' Diċembru 2019 fl-NGO Centre, Ix-Xewkija.

08.6.8 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali l-Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Numru 28.

08.6.9 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Ministeru għal Għawdex rigward 'L-Għid f'Għawdex – Arti – Fidi – Tradizzjoni'. Il-Kunsill ġie mistieden sabiex jibgħat informazzjoni dwar l-inizjattivi u l-attivitajiet li biħsiebu jorganizza għal dan iż-żmien sabiex jiġu inklużi fi programm wieħed biex jiġi rreklamat l-Għid. Il-programm ser ikopri l-perjodu ta' bejn il-Ġimgħa 13 ta' Marzu sal-Ħadd 12 ta' April 2020.

08.6.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Manager Internal Evaluation and Internship, Institute for Education (IfE), Ministry for Education and Employment rigward 'Placement Opportunity' fejn studenti jiġu *hosted* għall-*micro placements* f'Lulju 2021. Fi ħdan il-Bachelor and Master programme huma introduċew *innovative stance* bit-tema 'The Experiential Learning Module'. Ingħatat aktar informazzjoni dwar din l-inizjattiva u l-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jipparteċipa u jwassal din l-*e-mail* lil min jista' jkun interessat.

08.6.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* b'mehmuż il-programm mingħand l-Assistent Direttur, Monitoraġġ u Sapport, Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Parlament tas-Sindki – 29/01/2020' fid-29 ta' Jannar 2020. Il-Parlament tas-Sindki ser jinżamm għat-tieni darba u din l-attività kienet ġiet xprunata mis-Segretarjat Parlamentari preċedenti.

08.6.12 Il-Kunsill irċieva Direttiva Numru 8/2019 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali rigward 'Servizz ta' Knis fil-Lokalitajiet'. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

08.6.13 Il-Kunsill irċieva Direttiva Numru 01/2020 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali - Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali rigward 'Applowdjar tad-dokumenti statutorji fuq il-Websajt'. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

08.6.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Animal Welfare, EcoGozo Directorate rigward il-Proġett ta' 'Cat Cafè' f'Għawdex. B'din l-inizjattiva mhux biss ser tiġi indirizzata l-popolazzjoni tal-qtates imma wkoll tħares lejn modi ta' kif tingħata għajnuna lill-*feeders* filwaqt li jiġu protetti u promossi l-ħarsien u r-rispett lejn l-annimali. Dan ser iservi wkoll sabiex jitnaqqsu l-inkonvenjenzi li l-istess qtates jistgħu joħolqu f'ċerti toroq u lokalitajiet. Permezz ta' dan il-proġett ser jiġu identifikati postijiet adekwati fejn jgħixu kif ukoll jitgawdew mill-pubbliku. Din l-iskema tikkumplimenta skema oħra ta' tiswija tal-qtates li hija offruta b'xejn mill-Ministeru għal Għawdex.

08.6.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li qed jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq it-Torri quddiem blokka ta' bini li tiġi wara dik tal-*guesthouse* hemm parti sew mill-bankina li ma fihiex ilqugħ jew ċint għal mal-parapetti li jiġu sular 'l isfel mit-triq. Din il-bankina ilha f'dan l-istat u hija perikoluża ħafna għat-tfal. Jekk persuna tinżel ġol-parapett li qiegħed sular 'l isfel mit-triq tinduna li l-ħajt li xi darba kien iżomm iċ-ċint waqa' u taħt il-ħamrija tal-bankina huwa vojt. Jekk persuna tirfes fuq din il-ħamrija jista' faċilment jisfronda kollox u jaqa' għal isfel. Hija qiegħda titlob lill-Kunsill sabiex tittieħed azzjoni kemm jista' jkun malajr biex dan iċ-ċint jitranġa u sakemm jibda x-xogħol jitwaħħal sinjal biex ħadd ma jitla' fuq din il-parti tal-bankina.
Is-Sindku informa lill-Kunsill li dan l-ilment tressaq lill-Ministeru għal Għawdex peress li hemm ħsarat fl-istruttura tat-triq.

08.6.16 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand żewġ persuni residenti fi Triq Munxar rigward il-bini mill-ġdid ta' din it-triq u l-ilma tax-xita. Peress li dawn għandhom *basement* iridu jkunu jafu sew kif is-sistema tal-qligħ mill-ilma tax-xita hija proposta. Huma ma jaċċettawx li l-ilma tax-xita jiġi *directed* fuq il-ġenb tal-proprjetà tagħhom minħabba *flooding* u l-ħsara li jġib lill-proprjetà u l-għamara.
Ser issir laqgħa mal-perit sabiex jitressaq dan l-ilment u possibbilment tinstab soluzzjoni.

08.6.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna rigward *van* u *kiosk* abbandunati fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi minħabba li huwa *eyesore* għar-residenti u kull min jgħaddi minn hemm.
Dan l-ilment intbagħat lill-Pulizija u għandha tintbagħat risposta lil min għamel l-ilment li l-ilment tiegħu ġie rrapportat.

08.6.18 Il-Kunsill irċieva lment mingħand residenta fi Triq Munxar rigward il-bżonn li s-siġar taż-Żebbuġ li hemm fi Ġnien Ragalna jinżabru minn-naħa ta' fuq peress li qed jostakolaw il-veduta u dawn l-aħħar li nżabru kien tliet snin ilu.
Il-Kunsill ser ikun qed jiżbor dawn is-siġar.

08.6.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-HSBC Bank Malta plc rigward il-kera tal-ATM fix-Xlendi. Il-Bank qed jinforma lill-Kunsill li jaċċetta żieda fil-kera għal €4,000 fis-sena fuq bażi ta' kuntratt ta' tliet snin. Barra minn hekk, rigward l-i*sponsorship* tal-arloġġ, il-bank huwa lest li joffri s-sapport tiegħu billi qed jipproponi li jħallas €1,000 fis-sena għat-tliet snin li ġejjin bħala kontribuzzjoni.
Kien hemm qbil sabiex l-HSBC Bank Malta plc jintalab jikkontribwixxi s-somma għall-arloġġ mal-ewwel sena jew inkella fi żmien sentejn.

08.6.20 Il-Kunsill irċieva talba sabiex isir żbir ta' Palm fi Triq l-Isqawi, Il-Munxar. Il-Kunsill diġà għamel it-talba lill-Ministeru għal Għawdex.

08.6.21 Il-Kunsill reġa' rċieva talba sabiex isir żbir ta' Palm fi Triq Dun Spir Gauci, fil-Pjazzetta ta' Triq it-Tnax ta' Diċembru 1957, fi Triq l-Isqawi u fi Triq Munxar, Il-Munxar. Il-Kunsill diġà reġa' għamel it-talba lill-Ministeru għal Għawdex. Dan ix-xogħol isir mir-Rural, Gozo Directorate.

08.6.22 Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir bankina ġdida fi Triq San Xmun, Ix-Xlendi. Il-Kunsill diġà għamel it-talba lill-Ministeru għal Għawdex.

08.6.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* u ritratti mingħand sid ta' *guesthouse* fi Triq it-Torri minħabba li hemm bżonn li jiġu rranġati l-bankini f'din it-triq quddiem il-*guesthouse* u faċċata. Il-Kunsill kien ser jagħmel it-talba lill-Ministeru għal Għawdex.

**08.7 Il-Performance Bonus tal-Assistent Uffiċjal Prinċipali u Skrivana**

08.7.1 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar il-*Performance Bonus* tal-Assistent Uffiċjal Prinċipali u tal-Iskrivana. Fuq ir-rapporti li ġew ippreżentati ġie deċiż li l-Assistent Uffiċjal Prinċipali tingħata *bonus* ta' 6% u l-Iskrivana tingħata *bonus* ta' 6% skont ir-regolamenti finanzjarja tal-Kunsilli Lokali.

**08.8 Approvazzjoni u diskussjoni rigward tenders maħruġa**

08.8.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-rapporti tal-bord tal-aġġudikazzjoni dwar dawn is-sejħiet:

- *Tender Ref: MXR/03/2019 - Service Tender for the collection of Bulky Refuse from the locality of Il-Munxar and Ix-Xlendi, Gozo, in an environmentally friendly manner;*
- *Tender Ref: MXR/04/2019 - Service Tender for the Collection of Household Waste from the locality of Il-Munxar and Ix-Xlendi, Gozo in an environmentally Friendly Manner;*
- *Tender Ref: MXR/05/2019 - Period Contract for General Road Works at Il-Munxar and Ix-Xlendi, Gozo;*
- *Tender Ref: MXR/06/2019 – Professional Services of a Contracts Manager - Il-Munxar Local Council, Gozo.*

Minn dawn l-erba' offerti ngħataw tlieta biss minħabba li l-offerta Tender Ref: MXR/06/2019 ma ġietx *awarded* minħabba li l-offerti li rċieva l-Kunsill kienu *over-budget.*
Ġie deċiż li Tender Ref: MXR/03/2019 tingħata lil Maria Magro minħabba li kienet l-orħos offerta u skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta, Tender Ref: MXR/04/2019 tingħata lil KIP Gozo minħabba li kienet l-unika offerta u skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta u Tender Ref: MXR/05/2019 tingħata lil GP Gozo Consortium minħabba li kienet l-orħos offerta u skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta.
Kien hemm qbil unanimu.

**08.9 Il-Proġett tal-Pjazza tal-Knisja**

08.9.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġie ffirmat il-kuntratt bejn il-Kunsill u l-Ministeru għal Għawdex. Saret konsultazzjoni mal-ERA dwar ir-*relocation* tas-siġar. Is-Sindku ssuġġerixxa li dawn jitħawlu fid-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-perit inkarigat mill-proġett kien ser japplika għall-permessi.

**08.10 Il-Porġett tat-Torri tax-Xlendi**

08.10.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-rapport *Technical Specifications for the Supply, Delivery, Installation, Testing and Commissioning of M&E and ELV Services at the Ix-Xlendi Tower* ippreparat minn Galea Curmi Engineering Consultants Ltd sabiex it-torri jiġi rranġat minn ġewwa u jkunu jistgħu joħorġu t-*tenders*. Preżentament il-kuntrattur qed jaħdem fuq l-aċċess.

**08.11 Il-Masterplan tax-Xlendi**

08.11.1 Bħalissa x-xogħol fuq il-*Masterplan* tax-Xlendi huwa wieqaf u għaldaqstant il-Kunsill ser jitlob laqgħa mal-Ministru għal Għawdex sabiex jingħata aktar tagħrif dwar ix-xogħlijiet involuti.

**08.12 Il-Karnival fil-Munxar**

08.12.1 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar il-Karnival fil-Munxar 2020. Ġie deċiż li l-Karnival fil-Munxar 2020 isir nhar il-Ħamis, 20 ta' Frar 2020 fis-6 ta' filgħaxija fil-Pjazza tal-Knisja. Ġie deċiż illi l-Kunsill iħallas għad-daneż minn fost dawk il-kumpaniji li bagħtu l-proposta tagħhom u tfal mir-raħal lebsin il-kostum jiġu mistiedna sabiex jinkitbu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill sabiex jipparteċipaw fil-Karnival tar-raħal u jingħataw tifkira. Il-Kunsill ser iħallas ukoll għall-preżentatur, għas-*sound*, għad-dwal u għas-servizz ta' *security* matul l-attività.

Il-ħin kien it-8.15 ta' filgħaxija u s-Sinjura Juliet Attard talbet li tkun skużata u ħarġet mil-laqgħa.

**08.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

08.13.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 08-2020(30_01_2020) li tkopri l-perjodu mill-11 ta' Diċembru 2019 sat-30 ta' Jannar 2020 għall-ammont totali ta' €43,000.07 għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni. Il-Proponent kien is-Sur Mark Busuttil - Kunsillier u s-Sekondat kien is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier.
Din l-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata.

**08.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

08.14.1 Il-laqgħa aġġornat fit-8:30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 24 ta' Frar 2020 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

Kimberly Spiteri
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-Minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru 09-2020(24_02_2020) li nżammet nhar it-Tnejn, 24 ta' Frar 2020.

**IFFIRMATA**

Damien Spiteri
Sindku